**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)**

**ILLUM 18 TA' GUNJU 2015**

Il-Pulizija

(Spetturi Daniel Zammit u Nikolai Sant)

vs

Glen Borg

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 519094m, akkuzat li:

1. nhar 1-4 ta' Awissu 2011 ghal habta tas-siegha ta' filghodu gewwa Triq San Gorg, Pacevilli, San Giljan, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Gary Tanti f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi tah daqqiet ta' sikkina, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta' tieghu;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Gary Tanti;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra s-sigurta tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew hsara fil-proprjeta' (minbarra hsara involontarja fil-proprjeta');
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;
5. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi minnu hemm citati bghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn dina l-Qorti:

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti:

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti konnessi mal-kaz jirrizultaw illi, fil-gurnata u hin indikati fit-tahrika, argument li kien beda bejn zewg gruppi ta' guvintur, skala f'rissa li fija gie ippunjalat certu Gary Tanti fl-addome. Investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija identifikaw lill-imputat qua l-persuna allegatament responsabbli ghal dan. Ai termini tar-rinviju ghal-gudizzju tal-Avukat Generali hu akkuzat li ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna tal-imsemmi Tanti jew alternattivament li ha parti fil-glieda li fiha spicca ferut b'mod gravi l-imsemmi Tanti.

Intant, ic-certifikat mediku mahrug mill-isptar Mater Dei u iccertifika l-griehi li sofra Tanti jinsab anness a folio 23 u dwar l-istess ferita xehed it-Tabib Mario Scerri, nominat fl- inkjesta magisterjali. Stqarr it-tabib li l-ferita kienet iktar fonda milli wiesa' u kienet ippenetrat l-kavita' toracika. Dan il-fatt ikkonfermah ukoll t-tabib li immedika lill-midrub mid-dipartiment tal-emergenza. Dan it-tabib mistoqsi jekk il-ferut kienx qatt fil-perikolu li jitlef hajtu irrisponda li ma kienx, izda li kien gie ittrattat bhala kieku kien fil-perikolu tal-mewt kif kien iddahhal l-isptar.

lntant, il-provi li waslu ghall-arrest tal-imputat hu l-fatt li kif appena kienu waslu l-pulizija fuq il-post l-imputat deher jahrab minn numru ta' guvintur li kienu qed jigru warajh u instemghu jghidu li kien l-imputat responsabbli ghall-feriment tal-persuna ta' Tanti. Prova indizjarja ta' dan hi l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata lill-Pulizija, fejn f'parti minnha spiega, kif kien spicca mal-art, ra mus, qabbdu, dawru biex qabdu mill-manku u iddefenda ruhhu bih billi xejru u jaf li meta ghamel hekk kien laqat lill xi hadd, izda apparti dan, hadd ma tela jixhed li effettivament ra lill-imputat jaghti d-daqqa bil-mus, li ferixxa lill-imsemmi Tanti. Tabilhaqq, lanqas il-ferut ma setgha jghid li kien l-imputat li ferrih. Madanakollu, jinsab pruvat soddisfacjentement li l-imputat ha parti attiva fil-glieda li sehhet dak il-lejl, f'liema glieda spicca ferut Gary Tanti, permezz ta' mus u li ma kellha ebda konsegwenzi specifikati fl-Artikolu 218 tal-Kap 9.

lkkonsidrat:

Fir-rigward tal-akkuzi riportati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju fil-konfront tas-sikkina l-provi ma waslux biex jippruvaw r-reita' tal-imputat,relattivament l-istess: m'hemm xejn li jindika li 1-imputat garr xi sikkina barra xi fond jew id-dintorni tieghu; lanqas li zamm, garr, uza, akkwista minhabba dak li jistqarr l-imputat fl-istqarrija tieghu, li hi unika versjoni, li tinstab fil-process relattivament din is-sikkina.

Inghad dan, taqta u tiddecidi, li tilliberah li ikkaguna xi ferita li taqa' taht l-Artikolu 218 tal-Kap 9 u ukoll li garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' u bil-ponta, jew ukoll li kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni taghhom, bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fiz-zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lil-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona
Magistrat